**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 4 ta' Marzu 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Magro)**

**vs**

**Curtis Bakoush**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet, kif korretti b'digriet ta' din il-Qorti tas-26 t'Awwissu 2019, migjuba kontra:

**Curtis Bakoush** li joqghod 60 Flat 1 Triq l-Isptar Valletta, imma prezentament residenti CCF, ta' 29 Sena, iben Ali Abdullah u Jane Zammit, imwieled 28 ta' Lulju 1989, pussessur tal-Karta tal-Identita numru 340689M.

Akkuzat talli gewwa WH Smith Express sitwat gewwa l-arrivals l-MIA bejn 22/04 sat-30/05/2019, b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda (Kap 9 Art 18):

1. ikkommetta serq ta' diversi oggetti (fwejjah) liema serq ma jeccedix elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Miller

Distributors Limited, liema serq hu kkwalifikat bil-valur ta' mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan ai termini tal-Artikoli 270 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Hebb ghal Gilbert Bonello u kkagunalu offiza ta' natura hafifa skond kif iccertifikat minn Dr. Robert Ellul ta' Mosta Health Centre, Art. 221(1) Kap.9.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali, ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, [1]sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. Fis-7 ta' Gunju 2019, Gilbert Bonello, Operations/Area Manager tal-hanut bl-isem WH Smith Express (Miller), li jinsab gewwa l-Malta International Airport (MIA), irrapporta gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-istess airport, li fit-28 u fid-29 ta' Mejju 2019 kienu insterqu xi fwejjah minn dan il-hanut.

[1] Ara Dok CB 7 a fol. 22 tal-process.

2. Bonello ghadda c-CCTV footages tal-cameras tal-hanut lill-Pulizija, li apparti li hadmu fuqhhom, hadmu wkoll fuq ic-CCTV cameras tal-ajruport. Minn dawn ic-CCTV footages deher ragel hiereg b'kaxxi tal-fwieha mill-hanut, u johrog mill-kumpless tal-MIA.

3. Fid-29 ta' Mejju 2019, wara li Bonello gie infurmat minn Etienne Bugeja, impjegat iehor tal-hanut, li ra ragel hiereg bil-kaxxi tal-fwieha mill-MIA, huwa segwieh sakemm cempel lill-Pulizija. Dan ir-ragel dar fuqu, affrontah, aggredieh u ikkagunalu feriti ta' natura hafifa.

4. Mill-investigazzjoni li kompliet taghmel il-Pulizija, irrizultalha li r-ragel li kien jidher fis-CCTV footage kien l-imputat Curtis Bakoush.

5. Minn stharrig li kompla jaghmel Bonello, irrizultalu minn CCTV footage ta' April 2019, li l-istess persuna, cioe Curtis Bakoush kien diga seraq xi kaxxi ohra tal-fwieha.

6. Il-cost price tal-kaxxi tal-fwieha kollha misruqa mill-imputat tammonta ghal €393.91.[2]

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

L-ewwel imputazzjoni kontra l-imputat hija dik tar-reat kontinwat ta' serq kwalifikat bil-valur. L-imputat gie rikonoxxut bhala l-persuna li seraq dawn il-kaxxi tal-fwieha in kwistjoni, f'okkazjonijiet differenti, mhux biss mis-CCTV footage relattivi – li rathom ukoll din il-Qorti - izda wkoll mix-xhieda ta' Gilbert Bonello u Etienne Bugeja, li rawh *de viso* fl-ahhar serqa u cioe dik tad-29 ta' Mejju 2019.

Ghalhekk, il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova lill'hinn minn kull dubbju ragonevoli li kien l-imputat li ikkommetta dawn ir-reati ta' serq.

Fis-seduta tal-5 ta' Frar 2020, il-*parte civile* Gilbert Bonello irtira l-kwerela tieghu in kwantu l-imputat ikkagunalu ferita ta' natura hafifa.[3] Ghaldaqstant il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni. Pero ghandu jigi rilevat illi fl-istess seduta, l-abbli

[2] Ara Dok. CB 6 a fol. 20 tal-process.
[3] Ara fol. 123 tal-process.

avukat difensur tal-imputat iddikjara illi *"l-imputat in faciem in curie minkejja ir-rinunzja tal-kwerela tal-parte civile xorta esprima l-apologija tieghu lill-istess parte civile."*

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Rigward il-piena, din il-Qorti ikkunsidrat li dan ir-reat ta' serq kwalifikat bil-valur huwa wiehed kontinwat, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena ghandha tizdied bi grad, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

Pero din iz-zieda fil-piena hija newtralizzata bil-fatt li l-imputat hallas ghad-danni kollha sofferti minn Miller Distributors Limited, li tiggestixxi l-hanut in kwistjoni, fil-mori ta' dawn il-proceduri. Fil-fatt, fis-seduta tal-5 ta' Frar 2020,[4] Gilbert Bonello iddikjara li l-flus li l-imputat kellu jhallas lis-socjeta Miller Distributers Ltd. thallsu, u dan l-ammont kien ta' €393.91. Ghaldaqstant, il-piena ghandha titnaqqas bi grad, ai termini tal-Artikolu 337(3) tal-Kodici Kriminali.

Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fedina penali raffrettarja tal-imputat. Huwa ghandu hdax-il kundanna minn dawn il-Qrati: kundannda ghal ksur ta' ordni ta' probation, zewg kundanni ghal ksur tal-kundizzjonijiet li bihom inghata l-liberta provvizjorja, ingurja lill-ufficjal pubbliku, u r-rimanenti kundanni ghal diversi reati ta' serq ikkwalifikat. L-imputat inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita fosthom liberta kundizzjonata, ordni ta' probation u sentenza sospiza, izda huwa ma gharafx juzufruxxi ruhu minn dawn l-opportunitajiet. Inghata pieni ta' habs effettiv diversi drabi, u jidher li lanqas minn dawn ma tghallem, ghaliex mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation[5] jirrizulta li kellu diversi incidenti fil-habs, li ghalihom gie dixxiplinat, inkluz pendenti dawn il-proceduri, waqt li kien qieghed jinzamm taht arrest preventiv. Fil-prezent jinsab jiskonta sentenza ta' disa' u ghoxrin (29) xahar prigunerija li inghat fit-22 ta' Novembru 2019 minn din il-Qorti diversament preseduta, wara kundanna ta' serq kwalifikat, u ksur tal-kundizzjonijiet f'zewg digrieti fejn inghata helsien mill-arrest. Pero irid jinghad li l-imputat intavola appell minn din is-sentenza, liema appell ghadu pendenti.

---

[4] Ara fol. 123 tal-process.
[5] Ara fol. 92 *et seq.* tal-process.

Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li l-imputat ilu ma jahdem xoghol regolarizzat mis-sena 2017 u r-records ta' Jobsplus jindikaw li huwa ma tantx hadem xoghol regolarizzat minkejja li ghandu 30 sena. Jirrizulta wkoll li minkejja li l-imputat m'ghandux kwalifici akkademici u ma tantx jaf hiliet manwali, izda jghid li jaf jizbogh xi ftit, meta gie mistoqsi jekk hemmx hiliet li jixtieq jitghallem matul l-ezekuzzjoni ta' Ordni ta' Servizz fil-Kommunita, huwa wiegeb fin-negattiv. Din ir-risposta tal-imputat, ma tantx tikkomforta lill-Qorti dwar il-mod kif l-imputat bi hsiebu jaqla' l-ghajxien tieghu ta' kuljum, jekk johrog mill-habs. Fil-fatt, l-Ufficjal tal-Probation qalet li l-imputat m'ghandux impjieg lest ghal meta johrog.

Fir-rapport taghha, l-Ufficjal tal-Probation, li ilha issegwi lill-imputat ghal tmintax-il xahar fuq ordni provizorzja ta' supervizjoni moghti f'kawza ohra, qalet li *"l-imputat ilu numru ta' snin bil-problema tad-droga fejn qatt ma indirizzha b'mod konkret u kemm-iil darba nstab pozittiv anke fil-konfini tal-habs."* Hija qalet hekk: *"Il-problema tad-droga tal-imputat hi wahda kbira fejn f'dan l-ahhar tmintax-il xahar li kien taht is-sorveljanza tal-Ufficjal fil-maggor parti kien jinstab il-habs u li meta huwa kien inghata darbtejn il-helsien mill-arrest, huwa d-darbtejn li huma kien baqa' jabbuza mid-droga kif ukoll fetah kaz gdid. Kien hemm drabi fejn instab pozittiv ghad-droga gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin. B'hekk huwa qed juri li m'huwiex affidabbli sabiex jaghmel dan ix-xoghol* (ta' servizz fil-kommunita), *izda huwa importanti li jkompli jircievi l-ghajnuna li qed jinghata gewwa l-habs kemm mill-assistenza psikologa u mis-social worker kif ukoll min-naha tas-Sedqa."*

Mar-rapport tal-Ufficjal tal-Probation hemm anness ir-rapport tal-psikologa, li ilha ssegwi lill-imputat fil-perjodi li kien il-habs bejn Frar 2018 u Settembru 2019 (id-data tar-rapport). L-assistenta psikologa qalet hekk:
*"His motivation towards the sessions seemd to be quite high, however his motivation towards change appeared to go from high to low and vice versa quite easily. The inmate's mood and emotional regulation appeared to have a somewhat detrimental effect on his progress. ... ...*

*The client's insight into his behaviour has increased overall, however he appears to have difficulty applying certain skills learned in therapy to real-life challenging situations. ... ...*

*It was agreed that the client would make an effort to abstain from drugs, regulate his emotions more effectively and follow prison regulations to the best of his ability. It appears that he has been able to follow this plan for almost a month, which indicates some progress in the client's motivation.*

*The inmate has been 4 months clean in total and has made an effort to not get any new disciplinary reports.*

*Despite this progress, it is very clear that the client requires further interventions in dealing with his issues, if/when released into the community. It is doubtful that the client is able to deal with these issues independently at this point; as evidenced by the two most recent instances when he was released on bail.*

*Therefore, it is highly recommended that the client be bound to attend and complete a drug rehabilitation programme as part of his sentence, prior to engaging in any sort of community service."*

Anke jekk jidher li dan l-ahhar xhur, l-imputat qed jipprova jaghmel sforz biex ibiddel hajtu – haga li din il-Qorti tawgura li jaghmel fl-interess tieghu u fl-interess tas-socjeta – tenut kont tal-problema akuta tad-droga li ghandu, u l-kwistjonijiet psikologici komplessi li ghadu jrid jindirizza, u tenut kont tal-precedenti kriminali kollha li ghandu, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-imputat m'hux se jkun kapaci jkompli jindirizza dawn il-kwistjonijiet kollha wahdu, mhux f'ambjent kontenut u kkontrollat, u konsegwentement il-ftit progress li gie registrat f'dawn l-ahhar gimghat imur fix-xejn. Wiehed irid izomm ukoll quddiem ghajnejh li biex jibda programm ta' riabilitazzjoni, irid qabel jaghmel perjodu ta' gimghat fejn jigi ivvalutat jekk hux kandidat idoneo biex jaghmel programm, u jrid jistenna sakemm ikun hemm post disponibbli f'wahda mill-agenziji fejn jista' jaghmel dan il-programm.

Fid-dawl tas-suespost, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-piena idonea ghal-imputat hija biss wahda ta' habs effettiv, li huwa ghandu jkompli jutilizza sabiex ikompli jahdem fuq il-kwistjonijiet psikologici tieghu flimkien mal-psikologa u s-social worker tieghu, u jekk l-imputat irid jaghmel programm ta' riabilitazzjoni, dan ghandu jaghmlu minn gol-Facilita Korrettiva ta' Kordin, skond ir-regolamenti tal-istess Facilita.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-imputat;

2. Wara li rat l-Artikoli 261(1)(c), 267, 279(a), 18 u 337(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih u, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghal perjodu ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija effettiva, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan ir-reat, u b'dan li ma ghandux jitnaqqas xi zmien li fih hu kien qed jiskonta xi sentenza ohra ta' prigunerija.

3. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-espert skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mitejn u disa' u hamsin Euro u erba' u disghin centezmu (€259.94), li ghandhom jithallsu mhux aktar tard minn zmien sitt (6) xhur mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini ir-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero' jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**